**9 ta' Mejju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Emmanuele Vella

*versus*

Antonia Ellul

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — "Alternative Accomodation" — "Hardship" — Appell — Kwistjoni ta' Dritt — Familja.**

*Il-fatt illi l-Board tal-Kera, meta għamel il-valutazzjoni tas-"suitability" ta' post offert lill-inkwilin bħala "alternative accomodation", ma nkludiex ċerti nies li jogħodu fil-post li tiegħu tintalab ir-riprezza ta' pussess, jinvolvi punt ta' liġi li jirrendi dik is-sentenza appellabbli;*

*Ir-raġunament tal-Board fis-sens illi l-fatt li l-inkwilin iżomm miegħu lil-bintu ma' żewġha, meta din tiżżewweġ, ma għandux jippreġudika lill-lokatur b'mod li jsir wisq diffiċli għalieh li jirriprendi pussess tal-fond għall-bżonnijiet tiegħu, u li għalhekk, meta jitqies l-"extent" tal-"alternative accomodation" offerta ma għandhomx jitqiesu dik il-bint u żewġha, mhuwiex aċċettabbli. Jekk dawn ikunu ilhom li żżewġu, u minn dejjem għexu mal-inkwilin, huma għand-*

*hom, għall-finijiet tal-"extent" tal-"alternative accommodation", jiġu kunsidrati bħala formanti parti mill-familja tal-inkwilin, u ma għandhomx jiġu esklużi fil-konsiderazzjoni tal-"extent" tal-fond offert bħala "alternative accomodation".*

*Meta l-Qorti tal-Appell ma taqbelx mal-punt ta' liġi kif prospettat u applikat mill-Board tal-Kera, ikun il-każ li l-Qorti tal-Appell tirrivedi l-meritu tal-kawża, anki għal dak li hu l-apprezzament ta' fatt magħmul mill-Board.*

*Jekk il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-"alternative accomodation" offerta hija "suitable", mhux il-każ li jsir ebda paragun tal-"hardship".*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li Jirregola l-Kera biex jerġa jieħu taħt idejh il-post 168 Brighella Street, Ħamrun, mikri lill-intimat, peress li għandu bżonnu għal ibnu Salvatore, li sejjer jiżżewweġ, u li sejjer jakkomoda miegħu erbgħa ti-tfal ta' Antonia Cilia, tifla oħra tar-rikorrenti, u li offra bħala "alternative accomodation" il-post 22 Eldorado Street, Hamrun;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dak il-Board tat-3 ta' Marzu 1958, li biha laqa' t-talba u ta lill-intimata, għall-fini tal-iżgumbrament, iż-żmien ta' xahrejn, basta jibqa' "available" għaliha l-post offert bħala "alternative accomodation", ċjoè nru. 22 Eldorado Street, Hamrun, bil-kera ta' £21 fis-sena; salv, s'intendi, id-dritt tal-intimata li titlob il-fissazzjoni tal-kera xieraq, jekk dan ma ġiex ġa fissat, minn dak il-Board; l-ispejjeż, fiċ-ċirkustanzi, jibqgħu mingħajr taxxa; wara li kkunsidra;

Ir-rikorrent irid il-fond mitlub...... Il-familja tal-intimata tikkonsisti fiha, f'tifel qassis, u tifla xebba, u tifla oħra miżżewġa bir-raġel tagħha. Il-post offert, mid-deskrizzjoni tiegħu kontenuta fir-relazzjoni tal-membri tekniċi, huwa "suitable" għall-intimata; għaliex, wara kollox, il-fatt li hija żammet magħha lill-bintha miżżewġa bir-

raġel ma għandux jippreġudika l-pożizzjoni tar-rikorrent b'mod li jsir wisq diffiċli għalieh li jirriprendi pussess t… fond għal ibnu......;

Rat ir-rikors tal-intimata, li bih appellat minn dik is sentenza tal-Board, u talbet li tiġi revokata, billi tiġi miċ ħuda t-talba tar-rikorrent; bl-ispejjeż taż-żewġ istanz kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Bir-rikors fil-kawża preżenti r-rikorrent raġa' talab ir-ripreża tal-fond mikri lill-intimata, u offra bħala "alternative accomodation" id-dar nru. 22 Eldorado Street, Hamrun. Hu qal illi jeħtieġ dak il-fond għal ibnu, li ser jiżżewweġ u li sejjer jakkomoda miegħu erbgħa ti-tfal ta' tifla oħra tar-rikorrent, li qegħedha tgħix mal-familja tagħha ta' disgħa minn nies fi tliet kmamar żgħar;

Bis-sentenza appellata, it-talba tar-rikorrent ġiet milqugħa, peress illi l-Board irritjena illi l-"alternative accomodation" din id-darba offerta mir-rikorrent hija "suitable" għall-intimata. Il-familja ta' din tikkonsisti f'ħamsa minn nies, ċjoè hija, bintha xebba, binha qassis, u bintha oħra miżżewġa mar-raġel tagħha. Jidher, però, mis-sentenza appellata, illi, meta l-Board qies il-kobor tal-"alternative accomodation", biex jara jekk din hijiex "suitable" għall-intimata, hu ma ħax f'konsiderazzjoni lill-bint l-intimata u żewġha, li jgħixu flimkien mal-intimata. Ma donnux li jista' jingħata tifsir ieħor lill-kliem użat fis-sentenza appellata, ċjoè "wara kollox, il-fatt li l-intimata żammet magħha lill-bintha miżżewġa bir-raġel ma għandux jippreġudika l-pożizzjoni tar-rikorrent, b'mod li jsir wisq diffiċli għalieh li jirriprendi pussess tal-fond għal ibnu". Kif tajjeb issottomettiet l-intimata fir-rikors tal-appell, dan ir-raġunament tal-Board jinvolvi punt ta' liġi li ma jistgħax jiġi aċċettat. Ġie pruvat illi bint l-intimata ilha

miżżewġa żbatax il-sena, u minn dejjem baqgħet tgħix flimkien ma' l-intimata. F'ċirkustanzi bħal dawn, skond il-prinċipji stabbiliti minn din il-Qorti, reċentement riaffermati fil-kawża "Carmelo Borg vs. Spiridione Zammit", maqtugħa fit-3 ta' Frar 1958, bint l-intimata u żewġha messhom ġew kunsidrati jiffurmaw parti mill-familja tagħha, u ma setgħux jiġu esklużi fil-konsiderazzjoni tal-"extent" tal-fond offert bħala "alternative accommodation";

Ġaladarba din il-Qorti ma taqbelx mal-punt ta' liġi kif prospettat u applikat fis-sentenza appellata, huwa l-każ li din il-Qorti tirrivedi l-meritu tal-kawża, anki għal dak li hu l-apprezzament ta' fatt magħmul mill-Board (ara Kollez. Vol. XXXVII-I-126);

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Din il-Qorti, wara li qieset sewwa ċ-ċirkustanzi, ma ssibx raġuni biżżejjed biex taċċetta l-obbjezzjonijiet tal-intimata, u taqbel mal-konklużjoni li wasal fiha l-Board, li d-dar offerta mir-rikorrent bħala "alternative accomodation" hi "suitable" għall-intimata, anki meta jitqiesu bħala formanti parti mill-familja tagħha u jittieħdu f'konsiderazzjoni bintha u żewġha li jgħixu magħha. Infatti, f'din id-dar hemm bejn wieħed u ieħor l-istess numru ta' kmamar abitabbli......;

*Omissis;*

Din il-Qorti, wara li qieset sewwa ċ-ċirkustanzi, ma ssibx raġuni biżżejjed biex taċċetta l-obbjezzjonijiet tal-intimata, u taqbel mal-konklużjoni, li wasal fiha l-Board, illi d-dar offerta mir-rikorrent bħala "alternative accomodation" hi "suitable" għall-intimata, anki meta jitqiesu bħala formanti parti mill-familja tagħha u jittieħdu f'konsiderazzjoni bintha u żewġha li jgħixu magħha. Infatti, f'din id-dar hemm bejn wieħed u ieħor l-istess numru ta' kmamar abitabbli ........;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

**Una volta li din il-Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-"alternative accomodation" offerta mir-rikorrent hija "suitable" għall-intimata u għall-familja tagħha, mhux il-każ li jsir ebda paragun tal-"hardship"** (Kollez. Vol. XXXVII-I-176). B'dan kollu, ma jistgħax jiġi injorat illi, jekk talvolta d-dar alternattiva fiha xi inkonvenjent żgħir għall-intimata, minn naħa l-oħra għandu jkollha piż kbir iċ-ċirkustanza illi r-rikorrent jeħtieġ il-fond in kwistjoni biex jista' jakkomoda fih erbgħa xebbiet ulied bintu, li skond il-provi mhux kontrastati, il-lum qegħdin jgħixu flimkien ma' ħames ħuthom oħra iżgħar minnhom u ma' ommhom fi tliet kmamar;

Ikkunsidrat;

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, l-appell tal-intimata ma jistħoqqlux li jiġi milqugħ;

**Għalhekk;**

**Din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Board fit-3 ta' Marzu 1958, b'dan illi t-terminu tal-iżgumbrament ikun ta' tliet xhur u jibda jgħaddi mil-lum;**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu mingħajr taxxa.**